MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 763/2004

**Franco Grech**

**Vs**

**Philip Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ disgha u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm99.10c) rapprezentanti ammont ghal kiri ta’ DVD’s minghand l-istess attur.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal illi l-hlas minghandu huwa wiehed eccessiv u nveritier, u l-pretensjoni ta’ l-attur ghall-hlas minghand il-konvenut ta’ l-ammont mitlub fit-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenut qal li huwa ghandu jirrifondi lill-attur somma ferm inqas minn dik citata

fit-talba, liema somma ma teccedix l-ammont ta' hmistax-il lira Maltin (Lm15).

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Charlo Borg li jahdem ma' l-attur bhala *salesman* fejn jghid illi l-konvenut kien jikri d-DVD's minghand l-attur u mbaghad ohtu bdiet tikri bil-permess tieghu. Jghid illi meta l-konvenut kien mar lura bi sbatax-il (17) DVD, il-kont kien dak ta' disgha u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm99.80c). Il-konvenut kien qallu li dik il-gimgha kellu jaqbad il-paga u ghalhekk kien jigi jhallsu izda baqa' ma marx.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li kien jikri d-DVD's minghand l-attur. Jghid illi l-attur kien qallu li jekk jikri certu ammont ta' DVD's hu kien jaghti *card* tal-Vodafone ta' hames liri Maltin (Lm5). Jghid illi kien kera 'l fuq minn mija u hamsin (150) DVD izda l-attur qatt ma tah *card* tal-Vodafone. Farrugia jghid illi ghandu jaghti hmistax-il lira Maltin (Lm15) ta' sitt (6) DVD's biss. Jikkonferma li kien kellem lil wiehed Franco li jahdem ma' l-attur u kien qallu li kien kien lest sabiex ihallas hmistax-il lira Maltin (Lm15) izda meta l-konvenut mar ghand l-attur kien qallu li ghandu jaghti xi sittin lira Maltin (Lm60).

Jikkonferma li la kien itih ircevuta meta kien ihallas u lanqas kien itih dokument sabiex juri kemm kera. Jikkonferma li qatt ma ffirma ebda dokument ma' l-attur.

**Ikkunsidra**

Illi skond l-attur il-konvenut kera sitta u sebghin (76) DVD (ara l-i*statement* a fol 19 tal-process) u l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta' disgha u disghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm99.80c). Skond il-konvenut hu kera 'l fuq minn mija u hamsin (150) DVD. Illi m'hemmx dubju li l-konvenut kera d-DVD's u ghalhekk kien id-dover li jipprova l-pagament.

Fil-kawza **Cefai Vs Angelo Xuereb (Construction) Limited** deciza fil-Prim' Awla fit-28 ta' Jannar, 2004 intqal li:

"Jigi ri-affermat il-principju illi fejn konvenut jikkontraponga difiza bazata fuq hlas bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu wkoll generalment accettat illi f'kaz ta' dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (Vol. XXXV P.111 p.604)."

Illi f'dan il-kaz il-konvenut jghid li kien ihallas tad-DVD's li jikri izda ma gab ebda prova ta' tali hlas. Il-konvenut jghid li kellu d-dritt ghal xi *discounts* izda jirrizulta li d-dokument esebit dwar *points* li jinghataw lil dawk li jikru d-DVD's huwa f'isem socjeta' u mhux l-attur.

Illi l-verzjoni ta' Charlo Borg, *salesman* ma' l-attur hija kredibbli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' disgha u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm99.10c) u jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' disgha u disghin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm99.10c). Bl-imghax mid-data tas-sentenza u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------